SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

## Laqgħa Nru. 20/K8/16

Data: 30 ta' Awwissu 2016

Hin: 4.00p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti: Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
Adrain Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro - Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoraci - Kunsillier
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Skużati: (1) - Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (Inc. 5505/2016) u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ is-Sur Brian Azzopardi (Inc. 5481/16) sabiex jiġu skużati għal-laqgħa ta' Awwissu 2016. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li dawn jiġu skużati.

Assenti: (0)

---

## AĠENDA

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

2. Punti mqajma mill-Minuti;

3. Komunikazzjoni mis-Sindku;

4. Korrispondenza;

5. Diskussjoni dwar il-Ġbir ta' l-iskart.

6. Affarijiet oħra meqjusa urġenti;

7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;

8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;

9. Aġġornament.

**Minuti –*20/K8/16***

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 19/K8/16 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Inġibdet l-attenzjoni sabiex issir korrezzjoni f' Minuti 19 fir-rigward punt numru 2.01 sabiex jiżdiedu l-kliem li kien hemm ftehim biex tintbagħat ittra lid-deputati tad-distrett sabiex nitolbuhom jgħinuna biex jiċċaqalqu l-affarijiet dwar id-Dar ta' l-Anzjani.

1.3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tagħhom kif emendati.

1.3.04 Il-Vici Sindku Dott. Albert Buttigieg issekondah.

1.3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Punti mqajjma mill-Minuti**

2.01 Il-Viċi Sindku ta spjegazzjoni fir-rigward is-sitwazzjoni li kienet għaddejja sabiex issir information kiosk (PA/0714/14) fi Triq San

Ġorġ kantuniera ma' Triq Ross. Ġie deċiż li tintbagħat oġġezzjoni lill-MEPA li l-Kunsill qiegħed jirriserva d-dritt ta' l-appell.

2.02 Iċ-Ċermen ta spjegazzjoni fir-rigward 3.10 dwar is-simenta li hemm bejn in-Neptunes u San Ġiljan Water Polo fejn kienet saret biss applikazzjoni mal-MEPA.

2.03 Is-Segretarju ta spjegazzjoni li fir-rigward il-persuna li kien ser jiġi mpjegat mal-Kunsill, il-Kunsill irċieva email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li qiegħed joġġezzjona minħabba li l-eta massima hija ta' 62 sena filwaqt li s-Sur Alfred Mangion għandu 69 sena. Is-Segretarju kellu jivverifika mad-Dipartiment u jekk ir-risposta tkun negattiva tinfetaħ call oħra.

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Lino Spiteri (Inc. 5415/2016) fir-rigward ir-rotta 110. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ċ-Ċermen ser ikellmu min-naħa tiegħu.

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.01 Ser issir laqgħa mar-Reġjun fir-rigward il-*bye laws* li diġa' hemm preżenti kif ukoll *bye-laws* ġodda. Din il-laqgħa ser issir nhar il-Ħamis 1 ta' Settembru 2016 fl-10.30a.m.

3.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar il-Ħamis 1 ta' Settembru ser jinfetħu it-tenders.

3.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li minn Settembru ser jibdew jitpoġġew mobile toilet f'diversi lokalitajiet fosthom f'San Ġiljan. Il-Kunsill qabel li l-post ideali jkun f'Xatt is-Sajjieda.

3.04 Fir-rigward iċ-ċitazzjonijiet li ngħataw qabel ma' bdew ir-reġjuni kif kien diġa ġie spjegat qed tintbagħat ittra bl-avukat għaċ-ċitazzjonijiet antiki, għaldaqstant il-Kunsill ġie nfurmat li rċivejna ċekk fir-rigward dawn iċ-ċitazzjonijiet.

3.05 Ġie deċiż li s-servizz ta' minivan jiġi mġedded sa' l-aħħar ta' Settembru u dawn jibqgħu l-istess ħinijiet kif qegħdin fil-preżent.

**4 Korrispondenza**

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

***Rif Nru. 5089***

4.02 Saret riferenza għall-email mingħand l-Uffiċċju Elettorali dwar l-ismijiet tat-toroq. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li dawn jistgħu jiġu ordnati it-tabelli.

***Rif. Nru. 5112***

4.03 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand Dr. Stefano Filletti dwar ċertifikazzjoni fuq xogħol ta' toroq b'konnessjoni mal-*Public Private Partnership*. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa mal-Perit Abela kif ukoll ma' l-Avukat tal-Kunsill Dr. Stefano Filletti u ġie deċiż li l-Perit Stephen Farrugia m'ghandux jieħu flus msemmija min-naħa tal-Kunsill fuq id-dar ta' l-anzjani.

***Rif Nru. K1710 & 4828***

4.04 Saret riferenza għall-korrispondenza dwar il-latrini pubbliċi fil-lokalita'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-latrina li hemm fid-Daħla tat-Tigulio ser tiġi magħluqa għall-manutenzjoni min-naħa tal-Malta Tourism Authority, filwaqt li dik li hemm fi Triq Ġorġ Borġ Olivier tiġi magħluqa meta jitlestew dawn ix-xogħolijiet.

***Rif Nru. 5275 & 5286***

4.05 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa dwar laqgħat għar-residenti. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma' jsib l-ebda oġġezzjoni li dawn il-laqgħat isiru.

***Rif Nru. 5352***

4.06 Saret riferenza għaċ-Ċirkulari mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill ġie nfurmat mis-Segretarju li bħalissa għaddejin taħdidiet bejn l-ANSEK mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Din għandha terġa' titressaq fil-laqgħa li jmiss minħabba t-taħdidiet li għaddejin.

**Rif Nru. 5392**

4.07 Saret riferenza għall-korrispondenza fir-rigward ġemellaġġ ma' Kunszentmiklos, l-Ungerija. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv u ċ-Ċermen ser jattendu.

**Rif Nru. 5412**

4.08 Saret riferenza għall-email mingħand l-iStreet Naming Committee dwar Triq Dun Anton Tabone. Il-Kunsill ġie nfurmat li min-naħa tagħhom ġiet aċċetata pero' bħalissa m'hemmx kumitat. Għaldaqstant għad għandha tintbagħat l-approvazzjoni uffiċċjali.

**Rif Nru. 5419**

4.09 Il-Kunsill ġie nfurmat biċ-Ċirkulari mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar in-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat.

**5. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2016.**

5.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bir-rapport finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2016.

5.02 Is-Segretarju ta spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta'Ġunju 2016.

5.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dan l-item għandu jerġa jitella fil-laqgħa li jmiss u għandu jkun preżenti wkoll l-accountant tal-Kunsill sabiex ikun jista' jagħti spjegazzjoni aktar id-detaljata fir-rigward is-sitwazzjoni tal-Kunsill.

**6. Affarijiet oħra meqjusa urġenti.**

6.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Merħba Pharmacy (Inc. 5499/16) fir-rigward il-ħnejja li hemm. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din l-ittra tintbagħat lill-Housing Authority għall-azzjoni min-naħa tagħhom.

6.02 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Brian Azzopardi li mhux ser jattendi għal-laqgħa u li minn Settembru mhux ser jibqa l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ minħabba li se jagħlaq it-18 il-sena. Għaldaqstant ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' ringjazzjament lis-Sur Brian Azzopardi kif ukoll jingħata rigal żgħir bħala tifkira.

6.03 Saret riferenza ghall-email mingħand is-Sur Melchior Vassallo b'talba biex isiru *advetising bllboard* u *banners*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jintalab l-ammont ta €650.00 sabiex jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa.

6.04 Tintbagħat ittra ta' awgurju lill-San Giljan Water Polo Club fir-rigward ir-rebħa tagħhom tan-knock out u ittra lis-Sinjura Martha Fenech fir-rigward ir-rebħa tagħha għal Miss Universe.

**7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi ' A').

7.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

7.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4026 sa' 4049. (Ara Appendiċi 'B')

8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 4026 sa' 4049.

8.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ġie skużat fis-6.00p.m.

**9. Aġġornament**

9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 22 ta' Settembru 2016 fl-4.00p.m.

9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: **22 ta' Settembru 2016.**